MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2010

Numru. 952/2010

**Il-Pulizija**
**Spettur Raymond Aquilina**
**vs**
**Stephen Curmi**

Il-Qorti,

Rat li l-imputat Stephen Curmi ta’ 48 sena, bin George u l-mejta Rose xebba Martin, imwieled Sliema nhar 10 t’Awwissu 1961 u residenti f’Numru 24, Triq Sebuqa, San Gwann u detentur tal-karta tal-identita’ numru 552261(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

1. F’dawn il-Gzejjer, fi 27 ta’ Frar 2009, jew fil-jiem ta’ qabel, ta ordni lil haddiehor biex jaghmel delitt, jew b’xi mod li jkun, xjentement, ghen jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitt, fl-att illi bihom dawn minhabba l-kariga jew l-impjieg taghhom, kienu fid-dmir li jaghmlu jew jaghtu dikjarazzjoni jew certifikat u ghamlu jew taw dikjarazzjoni falza jew certifikat falz, u cioe certifikat tal-VRT falz;

2. Fl-istess perjodu, lok u cirkustanzi, xjentement ghamel uzu minn dikjarazzjoni jew certifikat falz, cioe certifikat tal-VRT falz;

3. Fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, ta ordni lil haddiehor biex jaghmel delitt, jew b'xi mod li jkun, xjentement, ghen jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitt, fl-atti li bihom dawn, sabiex jiksbu xi vantagg jew beneficcji ghalihom jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita pubblika, xjentement ghamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz, u cioe certifikat tal-VRT falz.

Il-Qorti kienet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' epserti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 16 ta' Settembru 2010 (esebit a fol. 8 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tal-11 ta' Novembru 2010 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar tal-11 ta' Novembru 2010 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietha b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk jrid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietha it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat rregistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri, l-fatt li huwa kkopera fil-kors tal-investigazzjoni kif ukoll kkunsidrat il-fatt li huwa ghandu fedina penali netta.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 42(a), (d), 185(2), 186 u 188 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor sa zmien tnax(12)-il xahar millum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------